MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

### ONOR. IMHALLEF
### DAVID SCICLUNA

Seduta tat-3 ta' Ottubru, 2003

Citazzjoni Numru. 1074/1993/2

**Periti Alexander Bezzina, Keith Cole u Censu Galea**

**vs**

**Joseph Mizzi ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta` Joston Limited; u b'digriet tas-26 ta' Jannar 1994 gew kjamati in kawza Marin Hili u Saviour Ellul ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta` M.C.P. Limited**

Il-Qorti,

Rat ic-citazzjoni pprezentata fid-9 ta' Awissu 1993 li permezz taghha l-atturi wara li ppremettew:

Illi kienu gew inkarigati mill-konvenut nomine sabiex jipprestaw is-servizzi professjonali taghhom bhala periti arkitetti in konnessjoni mal-kostruzzjoni ta' "underground multi-storey car-park" gewwa l-Furjana;

Illi wara li kienu hadu l-istruzzjonijiet tal-konvenut nomine bdew jezegwixxu l-inkarigu taghhom u effettivament bdew ix-xoghol u sussegwentement dan l-inkarigu gie redat fi skrittura tat- 3 ta' Mejju, 1992 (Dok A), fejn il-kumpens dovut lilhom ghall-inkarigu gie miftiehem ghal seba' u erbghin elf lira Maltin (LM47,000);

Illi fil-fatt l-atturi wara li kienu hadu l-istruzzjonijiet tal-konvenut nomine, fost xoghol iehor, lahqu ippreparaw l-iskizz tad-disinji, ghamlu stimi tal-ispejjez, issottomettew applikazzjonijiet ghal-licenzji tal-bini, ippreparaw disinji u specifikazzjonijiet tax-xoghol, ghamlu disinji ta' strutturi indeterminati statikament u ta' membri strutturali indeterminati statikament u xoghol iehor li jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza;

Illi fil-fatt, il-permess ghal bini ta' dan il-progett hareg, (Permit No. 5246/92/2659/91) fl-20 ta' Novembru, 1992, a bazi tal-applikazzjoni taghhom u tal-preparamenti taghhom – applikazzjoni esebita bhala Dok. B. Ghalhekk, in vista ta' dan il-permess beda jsir ix-xoghol strutturali taht is-sorveljanza tal-atturi;

Illi ghall-finijiet ta' valutazzjoni tad-drittijiet professjonali, kellu jigi stabbilit illi l-valur tal-progett kien jissupera ferm il-miljun lira Maltin;

Illi sussegwentement il-konvenut nomine abbanduna lill-atturi peress illi titrasferixxa l-interessi tieghu f'dan il-progett lis-socjeta M.C.P. Limited u dan wara li l-atturi kienu lahqu irrendew is-servizzi professjonali fuq indikati kif ukoll ghamlu spejjes in konnessjoni mal-istess – liema servizzi jammontaw, ghal parti l-kbira ferm tas-servizzi professjonali involuti f'progett simili;

Illi l-konvenut nomine nonostante li gie interpellat sabiex ihallas id-drittijiet u l-ispejjes dovuti lill-attturi baqa' inadempjenti ghaliex qed jikkontesta l-ammont dovut;

Talbu li din il-Qorti:

1. Tillikwida d-drittijiet professjonali u spejjez dovuti mill-konvenut nomine lill-atturi in konnessjoni mas-servizzi professjonali li ghalihom il-konvenut nomine kien inkariga lill-atturi,

2. Tikkundanna lill-konvenut nomine ihallas lill-atturi d-drittijiet professjonali u spejjes hekk likwidati.

Bl-ispejjez inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali tat- 8 ta' Awissu, 1993 u tal-mandat ta' sekwestru ipprezentat kontestwalment u bl-imghaxijiet legali kontra l-konvenut nomine li gie ngunt ghas-subizzjoni;

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenut Joseph Mizzi nomine fejn qal:

1. Illi l-eccipjent nomine irrifjuta li jhallas dak li kienu talbu l-atturi billi huwa kien ittrasferixxa l-interess tieghu fil-progett imsemmi fic-citazzjoni flimkien mal-obbligazzjoni tal-hlas tad-drittijiet dovuti lill-atturi lis-socjeta MCP Limited gja J & K Company Limited u dan kif jidher mill-kuntratt hawn anness u mmarkat Dokument JM1 u b'dan il-fatt kienu gew infurmati u notifikati anke l-istess atturi;

2. Illi in vista ta' dan l-eccipjent nomine jixtieq jitlob il-kjamata in kawza tas-socjeta MCP Limited gja J & K Company Limited kif rapprezentata minn Saviour Ellul u Marinl Hili;

3. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost l-ammont li kienu talbu l-atturi ghall-prestazzjonijiet taghhom kien in eccess ta' dak li huwa effettivament dovut skond it-tariffa ufficjali tal-periti;

4. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri;

Rat id-digriet tas-26 ta' Jannar 1994 li permezz tieghu gew kjamati fil-kawza Marin Hili u Saviour Ellul ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta` M.C.P. Limited;

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-kjamati fil-kawza fejn qalu:

1. In linea preliminari, illi l-attur Perit Censu Galea la qatt kien inkarigat u anqas ma kien fil-ftehim mas-socjeta konvenuta u/jew mal-eccipjenti nomine u ghalhekk l-eccipjenti ghanhom jigu liberati mill-osservanza tal-gudizzju fil-konfront tieghu;
2. Illi l-eccipjenti jirrimettu ruhhom ghad-decizjoni tal-Qorti ghall-likwidazzjoni tas-somma dovuta lill-atturi bhala drittijiet professjonali mehud in konsiderazzjoni:-

(a) Ix-xoghol li lahqu ghamlu l-atturi qabel l-abbandun paragunat max-xoghol kollu li kellhom jaghmlu ghall-ammont ta’ Lm47,000; u

(b) Illi fix-xoghol li lahqu ghamlu kien hemm zbalji;

(c) Salvi eccezzjonijiet ulterjuri;

Rat id-dikjarazzjonijiet guramentat tal-kontendenti u l-listi tax-xhieda taghhom;

Rat id-digriet tat-30 ta' Mejju 1994 li permezz tieghu gie nominat l-Arkitett AIC Italo Raniolo b'konsulenza legali Dr. Tonio Mallia bhala esperti gudizzjarji;

Rat ir-relazzjoni taghom debitament mahlufa fit-23 ta' Novembru 2001;

Rat in-noti ta' sottomissjonijiet tal-partijiet;

Rat l-atti l-ohra tal-kawza u d-dokumenti esibiti;

Ikkunsidrat illi:-

Dwar il-fatti tal-kaz sostanzjalment hemm qbil bejn il-partijiet. Joseph Mizzi f'isem is-socjeta` konvenuta Joston

Ltd. kien avvicina lill-attur il-Perit Censu Galea in konnessjoni ma' l-izvilupp ta' *multi-storey car park* il-Furjana, fil-post fejn qabel kien hemm l-Olympia Car Park. Il-Perit Galea beda jahdem fuq il-progett, inkuz it-thejjija ta' xi pjanti preliminari. Wara ftit involva lill-Periti Alexander Bezzina u Keith Cole, iz-zewg atturi l-ohra. Meta l-Perit Galea gie appuntat Segretarju Parlamentari, ix-xoghol waqa' kollu fuq iz-zewg atturi l-ohra. Is-socjeta` konvenuta Joston Ltd. kienet taf bl-involviment tal-Periti Bezzina u Cole u accettatu. Meta l-progett gie approvat mill-Gvern u kien jidher li ser jimmaterjalizza, sar fteim bejn is-socjeta` konvenuta Joston Ltd. u l-atturi l-Periti Bezzina u Cole (Dok. A a fol. 6 tal-process).

Fl-imsemmi ftehim datat it-3 ta' Mejju 1992 gie dikjarat li *"the Architect and Civil Engineer has already performed the services of architectural design and analysis, submission of application to PAPB, and will continue in the preparation and issue of tender documents and site supervision up to completion of works"*. Inoltre gie miftiehem li *"the Client will pay a lump sum of forty-seven thousand maltese liri to the Architect and Civil Engineer for all of the services listed in (2) above to cover professional fees and expenses"*. Dan jindika li l-partijiet kienu ftehmu li l-Periti ma jithallsux skond it-tariffa ufficjali tal-Periti izda skond il-*"lump sum"* imsemmi f'dan il-ftehim.

A tenur ta' dan il-ftehim, il-Periti Bezzina u Cole komplew jahdmu fuq il-progett u wara li nhareg il-permess mill-PAPB beda jigi skavat is-sit. Joseph Mizzi f'dar-rigward xehed li meta beda t-tqattigh tal-blat il-periti kienu jmorru *on site* regolarment, *"anzi kienu dahlu wiehed maghna biex jara x-xoghol isir kuljum"*. Wara li, skond l-istess Joseph Mizzi, kienu hafru xi sular u nofs mill-pjan originali ta' erba' sulari, waqqaf il-progett minhabba nuqqas ta' finanzjament u dahal fi ftehim mas-socjeta` kjamata fil-kawza MCP Ltd. biex tkompli l-progett hi. *Inter alia*, is-socjeta` kjamata fil-kawza assumiet l-obligu li thallas hi *"that amount that may be due by way of professional fees and expenses to the Architectural Firm Bezzina & Cole for professional work effected upon the instructions of the vendor in respect of the emphyteutical land and the*

*related multi-storey car park project"* (para. 8 tad-Dok. JM1 a fol. 22). Effettivament il-Periti Bezzina u Cole twaqqfu mix-xoghol taghhom mis-socjeta` MCP Ltd., saru diskussjonijiet dwar il-hlas dovut lilhom izda ma ntlahaqx qbil u kien proprju ghalhekk li saret din il-kawza.

L-atturi jsostnu li galadarba l-ftehim tat-3 ta' Mejju 1992 ma jistipulax li xi parti setghet tinhall minnu u kienet is-socjeta` kjamat fil-kawza li unilateralment kisret dan il-ftehim, ghandhom japplikaw it-tariffi ufficjali. Is-socjeta` kjamata fil-kawza tghid li l-hlas dovut ghandu jkun ibbazat fuq proporzjon tal-prezz pattwit max-xoghol effettwat. Qabel ma l-Qorti taghmel il-konsiderazzjonijiet taghha dwar din id-divergenza li hemm bejn il-partijiet, iridu jigu ccarati xi punti sollevati mis-socjeta` kjamata fil-kawza fin-nota ta' eccezzjonijiet tagha.

Fl-ewwel eccezzjoni taghha tghid li l-attur Perit Censu Galea la qatt kien inkarigat u anqas ma kien involut fil-ftehim mas-socjeta` konvenuta u/jew mas-socjeta` kjamata fil-kawza u ghalhekk is-socjeta` kjamata fil-kawza ghandha tigi liberata mill-osservanza tal-gudizzju fil-konfront tieghu. Minn dak li diga` ntqal dwar il-fatti tal-kaz huwa evidenti li din l-eccezzjoni ma tistax treggi. L-ewwelnett irrizulta bla ebda dubju li kien proprju Joseph Mizzi ghas-socjeta` konvenuta li avvicina lill-Perit Galea biex jibda jahdimlu fuq il-progett u l-istess socjeta` konvenuta accettat li l-Perit Galea jinvolvi liz-zewg atturi l-ohra. It-tieni, nonostante li l-ftehim tat-3 ta' Mejju 1992 kien bejn is-socjeta` Joston Ltd. u l-Periti Bezzina u Cole, mix-xiehda li nghatat jirrizulta li s-somma hemm miftehma tinkludi wkoll id-drittijiet tal-Perit Galea li m'ghandu l-ebda pretensjoni oltre sehmu mis-somma li kienet hekk miftehma, sehem li jrid jigi stabbilit biss fir-relazzjonijiet interni tieghu maz-zewg atturi l-ohra.

Fil-paragrafu (b) tat-tieni eccezzjoni taghha s-socjeta` kjamat fil-kawza ssostni li fix-xoghol li lehqu ghamlu l-atturi kien hemm zbalji. Din l-allegazzjoni pero` ma gietx sostnuta waqt is-smiegh tal-provi. Inoltre lanqas ma ngabet raguni ghat-terminazzjoni ta' l-inkarigu taghhom ghajr li jidher li kienet ix-xewqa tas-socjeta` kjamata fil-

kawza li tinvolvi l-periti taghha. Ghalhekk anke din l-eccezzjoni hi nfondata.

Il-Qorti issa se tghaddi biex tikkunsidra d-divergenza principali li hemm bejn il-partijiet.

Is-socjeta` kjamata fil-kawza qed tibbaza l-argument taghha fuq l-artikolu 1640 tal-Kodici Civili li jittratta dwar it-terminazzjoni ta' appalt. Issostni li l-ftehim milhuq fit-3 ta' Mejju 1992 huwa wiehed ta' appalt. Fir-relazzjoni tieghu l-perit legali jghid hekk:

"13. …. Min iqabbad perit jew avukat ghall-ghajnuna professjonali tieghu, ma johloqx kuntratt ta' appalt. Kif ighid il-Pacifici, "Delle Locazioni" (p 268) "Ne' la cura delle salute, la difesa di una causa o di una persona, ne' una produzione della mente e del cuore, un libro di scienza, un melodramma, un'ode, un idillo, un canto, un poema, un quadro sono cose stimabili, e di conseguenza cioe' che l'autore riceva dall'editore, dall'impresario, dal ricco signore, non e' prezzo, non e' l'equivalente di cio' che da'. E' un compenso, un onorario. Se non e' prezzo, neppure il'contratto e' di locazione. E non puo' considerarsi come locazione neppure per legge positiva; perocche' questa in tutte le parti, sotto tutti gli aspetti, non considera oggetto del contratto di locazione che le opere manuali." Ir-relazzjoni ta' klijent ma' professjonist tixbah aktar dik ta' mandat u, fil-fatt, il-Qrati taghna, per ezempju dejjem qiesu l-avukat bhala l-mandant tal-klijent u mhux xi forma ta' kuntrattur tieghu! Perit, tabib u avukat mhux xoghol jaghtu, izda servizz, tant hu hekk li l-professjonist mhux obbligat li jgib fit-tmiem dak li jitlob minnu l-klijent, izda li jaghti l-ahjar hila tieghu biex iwassal il-klijent ghat-tmiem mixtieq. Kuntrattur imqabbad biex jibni dar irid jikkompleta l-inkarigu tieghu b'success ghax, altrimenti, jkun responsabbli ghad-danni; izda avukat li jitlef kawza jew tabib li jmutlu pazjent mhux responsabbli ghad-danni diment li jkun agixxa skond in-normi stabbiliti fil-professjoni rispettiva. Hekk ukoll xoghol ta' perit huwa ta' pariri u supervizjoni, izda mhux hu li effettivament iwettaq ix-xoghol; ta' dan huwa responsabbli l-kuntrattur. Kwindi, l-kuntratt ta' locatio operis mhux applikabbli ghalih.

14. Oltre dan, meta l-ligi tistabilixxi l-hlasijiet li l-perit huwa intitolat ghalih f'kaz ta' terminazzjoni tal-inkarigu tieghu, u dan b'certa dettal, mhux lecitu li wiehed jirrikorri ghall-generalita' tal-artikolu 1640(2). Dak il-provvediment ighid li meta appalt jigi terminat, l-appaltatur ghandu jigi kumpensat sa mhux izjed mill-qliegh li seta' ghamel kieku kompla bl-appalt. It-tariffa K tal-kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta, hija aktar specifika u titkellem b'mod dettaljat dwar il-hlasijiet dovuti lill-periti meta l-inkarigu lilhom moghti jigi terminat. Kwindi l-esponenti ma jhossx li l-artikolu 1640 jista jservi ta' gwida ghall-kaz. …. ."

Il-Qorti tosserva li l-artikolu 1640 tal-Kap 16 kif allura vigenti fiz-zmien meta sar il-ftehim in kwistjoni kien jipprovdi li "min jaghti x-xoghol jista' jholl, meta jrid, il-kuntratt ta' appalt, ghalkemm ix-xoghol ikun ga` beda, billi jhallas lill-appaltatur l-ispejjez kollha u x-xoghol kollu tieghu, flimkien ma' somma li tigi meqjusa mill-Qorti, skond ic-cirkostanzi, izda mhux izjed mill-qliegh li l-appaltatur seta' jaghmel b'dak l-appalt". Jigifieri l-ligi qieghda espressament tirriferixxi ghall-kuntratt ta' appalt (*contract of works*) u ghall-appaltatur (*the contractor*). Minn ezami tal-ftehim tat-3 ta' Mejju 1992 huwa evidenti li dak il-ftehim ma jammontax ghal kuntratt ta' appalt u li bl-ebda sforz jew tigbid ta' l-immaginazzjoni ma jista' jitqies li l-atturi jistghu jigu kkunsidrati bhala "l-appaltatur" (*the contractor*). Ghalhekk l-artikolu 1640 mhuwiex applikabbli fil-kaz prezenti.

Issa l-atturi qed jippretendu li jithallsu a bazi tat-tariffa ufficjali u mhux a bazi tal-ftehim milhuq bejn il-kontendenti, u dan peress li kienet is-socjeta` konvenuta li unilateralment itterminat il-kuntratt.

Il-Qorti ma tistax tikkondividi din is-sottomissjoni peress illi bhala fatt l-atturi wettqu x-xoghol taghhom a bazi tal-ftehim imsemmi u b'dak il-ftehim fil-hsieb. Ic-citazzjoni hija certament ibbazata fuq dak il-ftehim.

Il-periti gudizzjarji ghamlu riferenza ghas-sentenza moghtija mill-Onorabbli Qorti ta' l-Appell fil-5 ta' Lulju 1995

fl-ismijiet **Arkitett u Inginier Civili Joseph Barbara vs Direttur tax-Xoghlijiet Pubblici** fejn gew likwidati d-drittijiet ta' l-attur a bazi ta' sentenza ohra preliminari fl-istess proceduri deciza wkoll mill-Onorabbli Qorti ta' l-Appell fl-4 ta' Novembru 1987 (Vol. LXXI.ii.214) fejn dik l-Onorabbli Qorti qalet li **"ma tara l-ebda raguni l-ghala l-imsemmija Tariffa K li hija applikabbli ghall-Arkitetti (Kollezzjoni Dec. Vol. XXIX.ii pag. 673, 675 u Vol. XXXVIII.i.587) ma ghandhiex tigi applikata f'dan il-kaz sabiex jigu stabbiliti d-drittijiet ta' l-attur ghax-xoghol li kellu jaghmel skond l-inkariku moghti lilu mill-konvenut u li ma ghamilx billi gie tterminat dak l-inkariku. Huwa evidenti li ghax-xoghol li lahaq ghamel l-attur ghandu jithallas skond il-ftehim"**. Imbaghad ghaddew biex jillikwidaw id-drittijiet ta' l-attur hekk:

"18. L-esponenti josserva li, fil-qosor, ix-xoghol tal-periti kien jikkonsisti fi tliet stadji distinti: design, applikazzjonijiet u supervizjoni. Minn dawn, l-atturi lahqu wettqu l-ewwel tnejn. Dwar l-importanza relattiva ta' dawn it-tliet stadji, l-esponenti jhossu li t-tlieta huma ta' l-istess importanza. Hu veru li l-istadju ta' supervizjoni fih ir-responsabilita` tieghu, specjalment fid-dawl tar-responsabilita` tal-perit taht l-artikolu 1638 tal-Kodici Civili, izda d-design and planning stage huwa ta' importanza strategika, ghax hu mix-xoghol li jsir f'dak l-istadju li jiddependi s-success o meno tal-bini. Jekk il-pjan u l-kalkulazzjonijiet tal-bidu jkunu monki, il-bini ma jreggix, anke jekk il-perit joqghod jissorvelja kull hin u mument il-bini effettiv. Kwindi, l-opinjoni tal-esponenti hi li l-atturi lahqu wettqu zewg terzi tal-inkarigu taghhom u, kwindi, ghandhom jiehdu zewg terzi tas-somma miftehma, cioe`, zewg terzi ta' Lm47,000 li jgibu ghal Lm31333.

19. Ghar-rigward tat-tielet parti, dik ta' supervizjoni, l-atturi ghandhom jithallsu skond it-tariffa K imsemmija u, cioe`, skond is-sentenza fuq riportata, zewg terzi ta' dak il-kumpens li jithallas meta l-klijent jittermina l-inkarigu. Il-progett kollu kellu jigi jiswa Lm1,007,711.25, liema somma ovvjament kienet tinvolvi l-istadji kollha tal-progett. Huwa stmat li fi progett ta' din in-natura u, cioe`, underground car park, parti mill-ispiza ta' certa konsiderazzjoni hija l-eskavazzjoni tas-sit. L-esponenti jistmaw li 15% tal-istima

tal-progett kien dedikat ghall-eskavazzjoni u dan jammonta ghal Lm151,050. Fuq din il-bazi, ghandu jizdied 2% fuq l-ammont ghas-supervizjoni li diga` kienet saret. Din tammonta ghal Lm3021."

Is-socjeta` kjamata fil-kawza tosserva li huwa nkontestat li meta l-atturi twaqqfu mix-xoghol l-iskavar kien ghadu biss lehaq fond ta' sular/sular u nofs u ghalhekk kwart jew ftit aktar mit-total ta' Lm151,050 u t-2% ghandu jigi kkalkolat fuq il-kwart ta' din is-somma u mhux fuq l-intier. Izda jigi notat li fil-likwidazzjoni taghhom il-periti qalu li t-2% huwa kalkolat ghas-supervizjoni "li diga` kienet saret", jigifieri l-kalkolu fuq is-supervizjoni li ghad kellha ssir kellu jkun aktar.

Il-Qorti ma tistax ma tikkummentax ukoll li jekk naraw il-paragrafu 11 tat-Tariffa K Skeda A tal-Kap 12, insibu li meta arkitett ikun abbandunat mill-klijent "(b) wara li l-arkitett ikun ha l-istruzzjonijiet tal-klijent, ipprepara l-iskizz tad-disinji, ghamel stima approssimattiva ta' l-ispiza, issottometta applikazzjonijiet ghal licenzi ghal bini u/jew licenzi ohra, u pprepara disinji u specifikazzjonijiet tax-xoghol id-dritt ghandu jammonta ghal zewg terzi (2/3) tad-dritt specifikat fil-paragrafu 10". Il-paragrafu 10 jipprovdi li fejn l-ispiza tax-xoghol maghmul jeccedi l-Lm1,000 id-dritt ta' l-arkitett ghandu jkun ta' 6% ta' dik l-ispiza. Ikkunsidrata l-ispiza stmata tal-progett, huwa evidenti li l-*lump sum* miftehma bejn il-kontendenti kienet anqas mis-somma li kieku kienet tkun dovuta lilhom skond it-tariffa. Li kieku ma saritx l-iskrittura tat-3 ta' Mejju 1992, is-somma li kieku kienet tkun dovuta kienet tkun akbar. Ghalhekk, anke kieku, ghall-grazzja ta' l-argument, kellu jigi adottat biss il-kriterju ta' zewg terzi stabbilit fil-paragrafu 11 imsemmi, u cioe` zewg terzi mil-*lump sum* miftehma ta' Lm47,000, il-konkluzjoni ghandha tkun li s-somma likwidata mill-periti gudizzjarji hi fil-fatt ekwa u gusta. Ghalhekk id-drittijiet professjonali ta' l-atturi qeghdin jigu likwidati fis-somma ta' Lm34,354.

Billi jirrizulta mix-xiehda mhux kontradetta ta' Joseph Mizzi li lill-Perit Censu Galea kien hallsu akkont ta' Lm800, din

is-somma trid titnaqqas minn dik ta' Lm34,354 ghal bilanc ta' Lm33,554.

Dwar l-imghax is-socjeta` kjamata fil-kawza ssostni li dan ghandu jiddekorri mid-data tas-sentenza stante t-talba fic-citazzjoni ghal somma *da liquidarsi*. Tghid li l-konvenuti ma kinux f'posizzjoni li jiddepozitaw l-ammont dovut peress li l-atturi ma kinux jafu x'inhu dak l-ammont. Fir-relazzjoni taghhom il-periti gudizzjarji jghidu li l-imghax ghandu jithallas min-notifika ta' l-ittra ufficjali tat-8 ta' Awissu 1993. Billi ma giet esebita l-ebda kopja ta' ittra ufficjali mnejn l-Qorti tista' tivverifika l-kontenut ta' tali ittra u jekk in effetti gietx notifikata, il-Qorti ma tikkondividix il-konkluzjoni tal-periti gudizzjarji. Il-principju *in illiquidis non fit mora* mhuwiex applikabbli fejn id-dejn huwa cert jew jista' facilment determinat mid-debitur. Fil-kaz in ezami jidher car li bejn il-partijiet kien hemm diskrepanza sostanzjali bejn dak li ppretendew l-atturi u dak li s-socjeta` kjamata fil-kawza kienet lesta thallas. Difatti fic-citazzjoni l-atturi talbu li din il-Qorti tillikwida d-drittijiet professjonali u spejjez dovuti lilhom u ma talbux il-hlas ta' ammont specifiku. Ghalhekk l-imghax ghandu jiddekorri millum. Ara per ezempju **Carmelo Galea vs Kenneth Mizzi et noe** deciza mill-Onorabbli Qorti ta' l-Appell fil-5 ta' Ottubru 2001.

Ghal dawn il-motivi:-

Tiddeciedi billi tilqa' l-ewwel eccezzjoni tal-konvenut Joseph Mizzi nomine u tilliberah mill-osservanza tal-gudizzja, tilqa' t-talbiet attrici fil-konfront tal-kjamati fil-kawza Marin Hili u Saviour Ellul nomine u ghalhekk:

(1) tillikwida d-drittijiet professjonali u spejjez dovuti mill-kjamati fil-kawza Marin Hili u Saviour Ellul nomine lill-atturi in konnessjoni mas-servizzi professjonali taghhom fis-somma ta' Lm33,554, u

(2) tikkundanna lill-kjamati fil-kawza Marin Hili u Saviour Ellul nomine jhallsu lill-atturi s-somma hekk likwidata ta' Lm33,554 bl-imghax millum.

Bl-ispejjez kontra l-kjamati fil-kawza Marin Hili u Saviour Ellul nomine.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------